MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru 882/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR J. CILIA**
**SPETTUR N. XUEREB**

**VS**

**HAMID HAJ HABO**

**Illum 26 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Hamid Haj Habo, ta’ 40 sena, bin Hemedi, u Miriam nee’ mhux maghruf, imwieled Sirja nhar l-10 ta’ Mejju 1962, residenti Flat 2, Caroline, Triq l-Ghannejja B’Bugia u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 398198 (M);

Talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda u cioe’:

Talli nhar il-21 ta’ Ottubru 2002, ghall-habta tal-hamsa ta’ filghaxija u matul it-tlett snin ta’ qabel, fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew tal-Awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta’ propjeta’ pubblika, jew li jkunu qeghdin that il-kustodja pubblika jew xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli timbri jew marki ukoll dan b’uzu falz ta’ ghodda vera;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, ikkorrompa lil ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, billi ta u hu rceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigali jew weghda jew offerta ta’ xi rigali fi flus, jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd, u minbarra li accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt l-ufficjal jew impjegat naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal

haddiehor, f'xi dokumenti mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tah taghrif falz;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor iffalsifikat;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, rceva passaporti li gew trasferiti lilu minn diversi persuni;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil jew uza jew kellhu ghandu passaporti li huwa jaf li gie ffalsifikati, mibdula jew li sar tibdil fihom;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-att ta' l-immigrazzjoni;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg ghal finijiet ta' l-att ta' l-immigrazzjoni li jkun iffalsifikat.

Wara illi rat l-Artikoli 18, 172, 176, 115, 184, 188, 189 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 3, 5 tal-Kapitolu 61 u l-Artikoli 32(1)(d)(f) tal-Kapitolu 217;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-

Qorti hlief li ssib lill-imsemmi imputat hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Wara illi hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali retta ta' l-imputat u maggorment il-

kollaborazzjoni totali ta' l-imputat ma' l-Awtoritajiet Investigattivi, temmen illi piena karcerarja mhix adekwata f'dan il-kaz.  Min-naha l-ohra, bhala l-Qorti temmen illi ghandha tkun iebsa fid-decizzjoni taghha.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tibghat lill-imputat ghal perjodu ta' inkarcerazzjoni ghal zmien sena (1) mil-lum, pero' tordna illi din is-sentenza ta' prigunerija ma tibdix issehh ghal zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 28 A, sakemm l-imputat ma jigix akkuzat b'reat iehor,  li ghalih hemm terminu ta' prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

-------------------------------TMIEM-------------------------------